

## ANNEX I

|    |                                                 |
|----|-------------------------------------------------|
| BG | СЪОБЩЕНИЕ ЗА ПРОИЗВОДСТВО ПО НЕСЪСТОЯТЕЛНОСТ    |
| ES | ANUNCIO DE PROCEDIMIENTO DE INSOLVENCIA         |
| CS | OZNÁMENÍ O INSOLVENČNÍM ŘÍZENÍ                  |
| DA | MEDDELELSE OM INDLEDNING AF INSOLVENSBEHANDLING |
| DE | MITTEILUNG ÜBER EIN INSOLVENZVERFAHREN          |
| EN | NOTICE OF INSOLVENCY PROCEEDINGS                |
| ET | MAKSEJÕUETUSMENETLUSE TEATIS                    |
| EL | ΑΝΑΚΟΙΝΩΣΗ ΔΙΑΔΙΚΑΣΙΑΣ ΑΦΕΡΕΤΤΥΟΤΗΤΑΣ           |
| FR | NOTE CONCERNANT LA PROCÉDURE D'INSOLVABILITÉ    |
| GA | FÓGRA FAOI IMEACHTAÍ DÓCMHAINNEACHTA            |
| HR | OBAVIJEST O POSTUPKU U SLUČAJU NESOLVENTNOSTI   |
| IT | AVVISO DI PROCEDURA D'INSOLVENZA                |
| LV | PAZIŅOJUMS PAR MAKSĀTNESPĒJAS PROCEDŪRU         |
| LT | PRANEŠIMAS APIE NEMOKUMO BYLĄ                   |
| HU | ÉRTESÍTÉS FIZETÉSKÉPTELENSÉGI ELJÁRÁSRÓL        |
| MT | AVVIŻ TA' PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA           |
| NL | KENNISGEVING VAN INSOLVENTIEPROCEDURE           |
| PL | POWIADOMIENIE O POSTĘPOWANIU UPADŁOŚCIOWYM      |
| PT | AVISO SOBRE PROCESSO DE INSOLVÊNCIA             |
| RO | NOTIFICARE PRIVIND PROĊEDURA DE INSOLVENȚĂ      |
| SK | OZNAM O INSOLVENČNOM KONANÍ                     |
| SL | OBVESTILO O POSTOPKU V PRIMERU INSOLVENTNOSTI   |
| FI | ILMOITUS MAKSUKYVYTTÖMYYSMENETTELYSTÄ           |
| SV | UNDERRÄTTELSE OM INSOLVENSFÖRFARANDEN           |

(L-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza – ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19)

## **INFORMAZZJONI IMPORTANTI GĦALL-KREDITURI:**

B'dan qiegħed tingharraf skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza li nfetħu proċedimenti ta' insolvenza<sup>1</sup> fir-rigward tad-debitur tiegħek (indikati taħt il-punt 1 ta' din il-formola) fi Stat Membru ieħor.

- ☐ Int qed tiġi mistieden tippreżenta kwalunkwe pretensjoni li għandek fil-konfront tad-debitur, kif stabbilit hawn taħt.
- ☐ Jista' jkun li tiġi mistieden tippreżenta kwalunkwe pretensjoni li għandek fil-konfront tad-debitur permezz ta' avviż ieħor li jasal iktar tard, dment li r-rekwiżiti biex tiġi ppreżentata pretensjoni skont il-liġi nazzjonali jkun għew issodisfati.
- ☐ Ma għandekx bżonn tippreżenta l-pretensjonijiet tiegħek individwalment.

Jekk tiġi mistieden iddaħħal il-pretensjonijiet tiegħek, tista' tagħmel dan billi tuża l-formola tal-pretensjonijiet standard li

- ☐ tinsab meħmuża ma' dan l-avviż jew
- ☐ tista' tiġi mniżżla mil-link li ġej: .....

### **Lingwa**

Il-pretensjonijiet jistgħu jiġu ddepożitati fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Irrispettivament minn dan, jista' jkun li wara tkun meħtieġ tipprovdi traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedimenti jew, jekk ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn il-proċedimenti tal-insolvenza jkun nfetħu, jew b'lingwa oħra li dak l-Istat ikun indika li jista' jaċċetta (il-lingwi indikati mill-Istati Membri jistgħu jinsabu hawn: [[https://e-justice.europa.eu/content\\_insolvency-447-mt.do?clang=mt](https://e-justice.europa.eu/content_insolvency-447-mt.do?clang=mt)]<sup>2</sup>).

### **Informazzjoni addizzjonali:**

Tista' ssib iktar informazzjoni dwar il-proċedimenti tal-insolvenza fl-Istati Membri fil-link li ġej: [[https://e-justice.europa.eu/content\\_insolvency-447-mt.do?clang=mt](https://e-justice.europa.eu/content_insolvency-447-mt.do?clang=mt)] <sup>(2)</sup>

Tista' tintraċċa informazzjoni rilevanti dwar il-proċediment ta' insolvenza partikolari kkonċernat minn dan l-avviż permezz tas-sit web tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja li ġej: [...] <sup>2,3</sup>

<sup>1</sup> "Proċedimenti ta' insolvenza" huma proċedimenti fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19). Dawn il-proċedimenti qegħdin elenkati fl-Anness A tar-Regolament.

<sup>2</sup> Meta tuża din il-formola, dejjem irreferi għal-link li fil-fatt iwassal għall-paġna web rilevanti tal-Portal tal-Ġustizzja Ewropea

<sup>3</sup> Kun af li din il-funzjoni tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja se tibda taħdem biss mis-26 ta' Ġunju 2019 (ara l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 2015/848).

## **GWIDA BIEH TIMLA DIN IL-FORMOLA:**

**DIN IL-FORMOLA TA' AVVIŻ STANDARD GĦANDHA TIMTELA MILL-QORTI LI JKOLLHA ĠURISDIZZJONI FIL-PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA FIL-KONFRONT TAD-DEBITUR, JEW MILL-PRATTIKANT FL-INSOLVENZA MQABBAD MINN DIK IL-QORTI F'DAWK IL-PROĊEDIMENTI.**

**DIN IL-FORMOLA TRID TINTBAGĦAT LIL KREDITURI MAGĦRUFA LI JINSABU FI STATI MEMBRI OĦRAJN.**

### **Lingwa ta' din il-formola**

Din il-formola ta' notifika għandha tiġi trażmessa bil-lingwa uffiċjali tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti jew, jekk ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn il-proċedimenti tal-insolvenza jkunu nfetħu, jew b'lingwa oħra li dak l-Istat ikun indika li jista' jaċċetta f'konformità mal-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) 2015/848, jekk ikun jista' jiġi preżunt li dik il-lingwa tkun aktar faċli biex tintfieh mill-kredituri barranin.

### **Mezzi ta' notifika:**

Sabiex tiġi żgurata trażmissjoni malajr tal-informazzjoni lill-kredituri li jirresjedu jew li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizz ta' dokumenti<sup>4</sup> ma japplikax fir-rigward tal-obbligu li jiġu infurmati l-kredituri.

### **Gwida għal punti speċifiċi tal-formola:**

**Taqsis II** tal-formola għandha timtela biss jekk b'dan l-avviż **int qed ukoll tistieden lill-kreditur jippreżenta l-pretensjonijiet** tiegħu fir-rigward tad-debitur. Jekk ma timliex it-Taqsis II, tkun meħtieġ tibgħat notifika oħra lill-kredituri barranin ladarba l-obbligu jinbet skont il-liġi tal-insolvenza applikabbli biex dawk il-kredituri jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom individwalment fil-proċedimenti.

Meta timla taqsis partikolari tal-formola, jekk jogħġbok żomm dan li ġej f'moħħok:

- L-ġhoti tal-informazzjoni fil-punti **mmarkati b'asterisk (\*)** huwa **mandatorju**.
- L-ġhoti tal-informazzjoni fil-punti **mmarkati b'żewġ asteriski (\*\*)** huwa **mandatorju iżda soġġett għal kundizzjoni. Din il-kundizzjoni tkun indikata fil-parenteżi fil-punt ikkonċernat, inkella fis-sentenza ta' qabel il-punt.**
- L-ġhoti tal-informazzjoni fil-punti li **ma għandhom xi sinjali speċifiċi mhuwiex mandatorju.**

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u *extra-ġudizzjarji* fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79)

Kull meta tirreferi għal Stat Membru meta tkun qiegħed timla din il-formola, uża **l-kodiċijiet tal-pajjiżi** kif ġej: L-Awstrija (AT) il-Belġju (BE) il-Bulgarija (BG) Ċipru (CY) ir-Repubblika Ċeka (CZ) il-Ġermanja (DE) l-Estonja (EE) il-Greċja (EL) Spanja (ES) il-Finlandja (FI) Franza (FR) il-Kroazja (HR) l-Ungerija (HU) l-Irlanda (IE) l-Italja (IT) il-Litwanja (LT) il-Lussemburgu (LU) il-Latvja (LV) Malta (MT) in-Netherlands (NL) il-Polonja (PL) il-Portugall (PT) ir-Rumanija (RO) l-Iżvezja (SE) is-Slovenja (SI) is-Slovakkja (SK) ir-Renju Unit (UK)

Fil-punt 1.2, **“numru ta’ reġistrazzjoni”** tfisser in-numru ta’ identità individwali li skont il-liġi nazzjonali jkun attribwit lill-entità jew il-persuna. Jekk id-debitur ikun kumpanija jew persuna ġuridika, dan huwa n-numru li jkun hemm fir-reġistru (tan-negozji jew tal-assoċjazzjonijiet) nazzjonali xieraq. Jekk id-debitur ikun persuna fiżika li teżerċita attività kummerċjali jew professjonali indipendenti (“imprendituri”), dan ikun in-numru ta’ identifikazzjoni fl-Istat Membru fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti ta’ insolvenza, li juża lilu fit-tweġġ tal-attività kummerċjali jew professjonali tiegħu. Jekk, skont il-liġi dwar l-insolvenza tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu l-proċedimenti ta’ insolvenza, jintuża n-numru tat-taxxa jew in-numru tal-identità personali tad-debitur għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-persuna fiżika li teżerċita attività kummerċjali jew professjonali indipendenti, għandu jiġi indikat dan in-numru.

Fil-punt 2.1 tal-formola, **“it-tip ta’ proċedimenti ta’ insolvenza”** għandu jiġi indikat billi ssir referenza għall-proċedimenti nazzjonali xierqa elenkati fl-Anness A tar-Regolament (UE) 2015/848 li jkunu nfetħu u, fejn applikabbli, kull sottotip ta’ tali proċedimenti li jkunu nfetħu f’konformità mal-liġi nazzjonali.

Fil-punt 2.3, **“il-qorti li fetħet il-proċedimenti ta’ insolvenza”** tfisser il-korp ġudizzjarju jew kull korp kompetenti ieħor ta’ Stat Membru li skont il-liġi domestika tiegħu għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta’ insolvenza, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti.

**Id-data jew l-aħħar ġurnata tat-terminu preskrittiv** indikata fil-punt 5 ma tistax tkun inqas minn 30 jum wara l-pubblikazzjoni tal-ftuħ tal-proċedimenti ta’ insolvenza fir-reġistru ta’ insolvenza tal-Istat Membru li fih infetħu l-proċedimenti, jew jekk l-informazzjoni marbuta mad-debitur ma tkunx inkluża fir-reġistru nazzjonali, wara d-data li fiha tkun ġiet irċevuta din in-notifika mill-kreditur.

## TAQSIMA I

### Dettalji tal-każ

1. Debitur:
  - 1.1. Isem\*
    - 1.1.1. Isem (jekk id-debitur ikun kumpanija jew persuna ġuridika):  
jew
    - 1.1.2. Kunjom:
    - 1.1.3. Isem/Ismijiet:  
(jekk id-debitur ikun persuna fiżika)
  - 1.2. Numru ta' reġistrazzjoni (għandu jmtela jekk ikun hemm wieħed skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih il-proċedimenti ta' insolvenza jkunu nfetħu.)\*\*
  - 1.3. Indirizz (sakemm ma japplikax il-punt 1.5)\*\*:
    - 1.3.1. Triq u numru / kaxxa postali:
    - 1.3.2. Post u kodiċi postali:
    - 1.3.3. Pajjiż:
  - 1.4. Indirizz alternattiv:
    - 1.4.1. Triq u numru / kaxxa postali:
    - 1.4.2. Post u kodiċi postali:
    - 1.4.3. Pajjiż:
  - 1.5. Data u post tat-twelid (timtela jekk id-debitur ikun persuna fiżika u l-indirizz tiegħu jkun protett)\*\*.
  - 1.6. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali marbuta mal-identità tad-debitur:
    - 1.6.1. In-numru tal-identità personali tad-debitur:
    - 1.6.2. L-isem sħiħ ta' omm id-debitur bħala xebba:
    - 1.6.3. Isem il-missier:
    - 1.6.4. Nazzjonalità:
    - 1.6.5. Oħrajn (speċifika):

Punti mmarkati bi \*: l-ġhoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.

Punti mmarkati bi \*\*: l-ġhoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.

Punti mingħajr sinjali speċifiċi: l-ġhoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

2. Il-proċedimenti ta' insolvenza kkonċernati:
  - 2.1. It-tip ta' proċedimenti ta' insolvenza miftuħin marbutin mad-debitur\*:
  - 2.2. Id-data tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza (skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2015/848)\*:
  - 2.3. Il-qorti<sup>5</sup> li fetħet il-proċedimenti ta' insolvenza\*:
    - 2.3.1. Isem:
    - 2.3.2. Indirizz:
      - 2.3.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:
      - 2.3.2.2. Post u kodiċi postali:
      - 2.3.2.3. Pajjiż:
  - 2.4. In-numru ta' referenza tal-każ (jiddaħħal jekk ikun hemm wieħed)\*\*:
  - 2.5. Prattikant(i) tal-insolvenza maħtur(in) fil-proċedimenti (timtela jekk ikun hemm)\*\*:
    - 2.5.1. Isem:
    - 2.5.2. Indirizz:
      - 2.5.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:
      - 2.5.2.2. Post u kodiċi postali:
      - 2.5.2.3. Pajjiż:
      - 2.5.2.4. Indirizz tal-posta elettronika:

Punti mmarkati bi \*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.

Punti mmarkati bi \*\*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.

Punti mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

---

<sup>5</sup> It-terminu “qorti” taħt dan il-punt ifisser, skont l-Artikolu 2(6)(ii) tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza, il-korp ġudizzjarju jew kull korp kompetenti ieħor ta' Stat Membru li għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti.

## TAQSIMA II

### Informazzjoni rigward it-tressiq ta' pretensjonijiet

3. korp jew awtorità bis-setgħa li taċċetta t-tressiq ta' pretensjonijiet\*:
- ☐ Il-qorti indikata fil-punt 2.3 ta' din il-formola;  
jew
  - ☐ Il-prattikant fl-insolvenza indikat fil-punt 2.5 ta' din il-formola;  
jew
  - ☐ Il-korp jew l-awtorità bis-setgħa li taċċetta t-tressiq ta' pretensjonijiet tkun differenti mill-persuna/korp indikati fil-punti 2.3 jew 2.5 ta' din il-formola. Id-dettalji tagħha huma dawn li ġejjin:
    - 3.1. Isem (jimtela biss jekk il-korp jew l-awtorità bis-setgħa li taċċetta t-tressiq la tkun il-qorti msemmija fil-punt 2.3 u lanqas il-prattikant fl-insolvenza msemmi fil-punt 2.5 ta' din il-formola)\*\*:
    - 3.2. Indirizz (jimtela biss jekk il-korp jew l-awtorità bis-setgħa li taċċetta t-tressiq la tkun il-qorti msemmija fil-punt 2.3 u lanqas il-prattikant fl-insolvenza msemmi fil-punt 2.5 ta' din il-formola)\*\*:
      - 3.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:
      - 3.2.2. Post u kodiċi postali:
      - 3.2.3. Pajjiż:
    - 3.3. Telefown:
    - 3.4. Posta elettronika:
4. mezz ta' komunikazzjoni li permezz tiegħu l-pretensjonijiet jistgħu jkunu mressqa\*:
- ☐ bil-posta (lill-indirizz postali indikat taħt il-punt 3)
  - ☐ bil-posta rreġistrata biss  
jew
  - ☐ bil-faks (lin-numru tal-faks li ġej): .....  
jew
  - ☐ bil-posta elettronika (lill-indirizz tal-posta elettronika li ġej): .....

Punti mmarkati bi \*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.

Punti mmarkati bi \*\*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.

Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

- ☐ f'konformità biss mal-istandard tekniku li ġej (speċifika):  
jew
- ☐ Oħrajn (speċifika):
5. termini preskrittivi biex jitressqu l-pretensjonijiet (timtela jekk ikun hemm)\*\*:
- ☐ il-pretensjonijiet għandhom jiġi ddepożitati mhux iktar tard minn:  
.....  
jew
- ☐ referenza għall-kriterji biex ġie kkalkulat dak it-terminu preskrittiv:  
.....
6. konsegwenzi jekk il-pretensjonijiet ma jiddaħħlux fit-terminu indikat taħt il-punt 5.\*:
- ☐ Inti jkollok iġġarrab kull spiża addizzjonali assoċjata ma' sottomissjonijiet li jsiru tard.
- ☐ Se tiġi eskluż milli tipparteċipa f'distribuzzjonijiet (interim jew finali) li jsiru qabel ma l-pretensjoni(jiet) tiegħek jiġu sottomessi (jew aċċettati).
- ☐ Se titlef id-dritt li tivvota f'kull proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew f'laqgħat ta' kredituri li jseħħu qabel ma tippreżenta t-talba tiegħek.
- ☐ Se tkun meħtieġ tissottometti petizzjoni individwali lill-qorti biex il-pretensjoni tiegħek tiġi ammessa.
- ☐ Id-dejn ibbażat fuq il-pretensjoni tiegħek jitqies mitmum fil-kuntest tal-proċedimenti.
- ☐ Jista' jkun li l-pretensjoni tiegħek ma titqiesx tul il-proċedimenti.
- ☐ Id-drittijiet garantiti jew preferenzjali tiegħek assoċjati mat-talba se jiġu rinunzjati.
- ☐ Oħrajn (speċifika):
7. kundizzjonijiet oħra li jridu jiġu ssodisfati meta tippreżenta t-talba tiegħek:
- ☐ Il-liġi applikabbli għall-proċedimenti ta' insolvenza titlob li l-ammont tal-pretensjoni (il-punt 6.1.8 tal-formola standard "tressiq ta' pretendenzjonijiet") u l-kostijiet li joriġinaw mid-dikjarazzjoni ta' dik il-pretensjoni (il-punt 6.4.3 tal-formola standard "tressiq ta' pretendenzjonijiet") ikunu indikati fil-munita tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza. Il-munita hija din li ġejja:
- ☐ Euro (EUR) ☐ Lev Bulgaru (BGN) ☐ Koruna Ċeka (CZK) ☐ Kuna Kroata (HRK) ☐ Forint Ungeriż (HUF) ☐ Zloty Pollakka (PLN) ☐ Leu Rumun (RON) ☐ Krona Svediża (SEK) ☐ Pound tar-Renju Unit (GBP)



Punti mmarkati bi \*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.

Punti mmarkati bi \*\*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.

Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv / opzjonali.

☐ Oħrajn (speċifika):

8. obbligu tal-kredituri li l-pretensjonijiet tagħhom huma preferenzjali jew garantiti *in rem*\*:

☐ Inti trid tindika b'mod ċar in-natura speċifika tal-pretensjoni meta tippreżenta l-pretensjonijiet, jew

☐ se jkollok bżonn tippreżenta l-pretensjonijiet tiegħek, jew

☐ ma għandekx bżonn tippreżenta l-pretensjonijiet tiegħek, jew

☐ se jkollok bżonn tressaq il-pretensjonijiet tiegħek biss għall-porzjon li mhuwiex kopert mill-valur tal-garanzija jew tal-prijorità; jew

☐ trid tindika l-ammont sa liema l-pretensjonijiet huma probabbilment garantiti]

☐ oħrajn (speċifika):

9. Pretensjonijiet bi gradazzjoni inferjuri:

☐ Pretensjonijiet bi gradazzjoni inferjuri u pretendiment subordinati għandhom jitressqu biss jekk ikunu mitlubin espliċitament jagħmlu dan mill-qorti ta' insolvenza.

10. Informazzjoni ulterjuri li tista' tkun rilevanti għall-kreditur:

Punti mmarkati bi \*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.

Punti mmarkati bi \*\*: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.

Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

### TAQSIMA III

#### Data u firma

#### Dan l-avviż formali qed jingħata minn:

Isem:

Fil-kapaċità ta'

- ☐ il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-proċedimenti ta' insolvenza
- ☐ il-prattikant fl-insolvenza mqabbad fil-proċedimenti ta' insolvenza

Magħmul fi ....., data .....

Firma u/jew timbru .....